

# Din id-Daqsxejn ta' Ħofra...

Kitba ta' Karl Agius
B. Sc. (Hons.) M. Sc.

Mhux darba jew tnejn li wieħed jiltaqa' ma' xi ħadd u meta jgħidlu li hu mill-Qrendi l-ewwel ħaġa li jsemmilu hi l-Maqluba. Tassew mal-medda taż-żmien il-Maqluba bdiet tifforma parti mill-identità tar-raħal tal-Qrendi. Inkitbu bosta artikli dwar il-Maqluba, biss wieħed dejjem isib xi jgħid fuq fenomeni bħal dawn. F'dan l-artiklu xtaqt niffoka fuq il-ħajja naturali li tikber f'din iż-żona. Biss qabel xejn nibda billi ngħid li l-ftit riċerka u kitbiet li saru fuq din iż-żona dejjem għamlu referenza għal-leġġenda marbuta ma' din il-ħofra kif ukoll għall-aspett ġeoloġiku. Ftit li xejn sar studju fuq il-ħajja naturali li tikber f'din iż-żona li tinsab fit-tarf tal-Qrendi ftit metri 'l bogħod mill-kappella ta' San Mattew.

## Ġeoloġija

Iż-żona u l-viċinanzi huma magħmula minn tafal u franka fil-wiċċ fuq saff taż-żonqor. Il-kelma teknika li tiddeskrivi din il-ħofra hi *dolina*. Il-Maqluba hi l-ikbar waħda minn dawn fil-gżejjer Maltin u hi ta' ċertu importanza għax tinsab fuq l-art u b'hekk toffri post uniku fejn jistgħu jgħixu bosta speċi ta' flora u fawna. Madankollu din mhijiex l-unika waħda. Fil-fatt wieħed isib waħda fid-Dwejra, Għawdex li tifforma l-baħar li jinsab fil-parti ta' ġewwa. Ħofra oħra simili tinsab viċin fejn partijiet sostanzjali kkollassaw biex iffurmat il-Ġebla tal-Ġeneral. F'Kemmuna wieħed isib ħofra oħra mgħarrqa fil-baħar li x-xifer tagħha tifforma Ponta Rqiqa u Kemmunett. Dolina oħra tinsab f'Malta fejn l-Aħrax viċin il-Marfa u wkoll tiftaħ fil-baħar.

Fil-ktieb tiegħu *Della Descrizione di Malta* (1647), Ġian Franġisk Abela jagħmel referenza għal-leġġenda magħrufa li l-Maqluba ffurmat għaliex l-abitanti ta' dan il-villaġġ tant kienu nies ħżiena li dnubiethom waslu biex Alla jeqridhom billi jġiegħel l-art fejn darba kien jinsab il-villaġġ sabiex jikkollassa u jħalli biss il-kappella ta' San Mattew. Biż-żmien kulħadd ipprova jżid xi vers ma' din il-leġġenda u mhux darba jew tnejn li tisma' xi verżjoni differenti tal-istess leġġenda tant li hemm min iħarref li Filfla taret mill-ħofra tal-Maqluba!

Madankollu aktarx din il-ħofra ffurmat meta xquq u pori fil-blat minn fejn kien jipperkola l-ilma komplew jikbru permezz ta' abbundanza ta' ilma li għadda minn ġo fihom u ffurmaw għerien taħt l-art. Eventwalment, il-parti ta' fuq tal-għar li ma kellha ebda forma ta' appoġġ, ġiet wisq tqila u ċediet biex ifformat ħofra kbira (dolina).

Meta l-qiegħ ta' ħofor bħal dawn ikun imdaqqas, iż-żona ssir ideali għall-agrikoltura u dan grazzi għall-kenn mir-riħ minħabba l-ħitan għoljin mal-ġnub tagħha kif ukoll minħabba l-umdità u l-ħamrija li tinġabar fis-sit. Dan hu l-każ ukoll fil-Maqluba u infatti Ġian Franġisk Abela fl-1647 jgħid li kien hemm ġardina tal-frott li probabbilment kienu tħawlu xi 70 sena qabel ma kiteb il-ktieb. F'din il-ħofra wieħed jista' wkoll josserva numru ta' ħitan tas-sejjieħ li jikkonferma dan. L-iktar parti fonda tal-ħofra hi 55m 'il fuq mil-livell tal-baħar filwaqt li l-iżjed parti għolja hi 90m 'il fuq mill-baħar. Il-perimetru (dawra tond) tas-sit huwa 260m, is-sodda ġġib id-daqs ta' 420m$^2$.

## Organiżmi li jinsabu fil-Maqluba

Il-qiegħ ta' din il-ħofra huwa miżgħud bis-siġar. L-iktar waħda dominanti hi *Laurus nobilis* (siġra tar-Rand) li hija importanti minħabba li mhix komuni u għaliex għandha distribuzzjoni ristretta fil-gżejjer Maltin. Siġar oħra huma *Ficus carica* (Tin), *Punica granatum* (Rummien), *Ceratonia siliqua* (Ħarrub),





ritratt ta' Emanuel Muscat

Il-Maqluba bis-siġar kważi mgħarrqin bl-ilma tax-xita fl-1999. (ritratt ta' Emanuel Muscat)

*Cratageus monogyna* (Anzalor). Wieħed isib ukoll il-qasab *Arundo donax* (Qasab) u *Rubus ulmifolius* (Għollieq). Taħt is-siġar wieħed isib ukoll pjanti reżistenti għad-dell fosthom *Galium aparine* (Ħarxajja komuni) u *Urtica dubia* (Ħurrieq). L-aktar pjanta dominanti hi *Arum italicum* (Garni).

Fuq il-ġnub tal-Maqluba nsibu ammont sostanzjali ta' arbuxelli u l-aktar dominanti hi pjanta endemika, pjanta li tinsab biss fil-gżejjer Maltin. Din hi *Darniella melitensis* (Xebb). Pjanti oħrajn huma *Hedera helix* (Liedna), *Capparis orientalis* (Kappar), *Oxalis pes-caprae* (Ingliża), *Opuntia ficus-indica* (Bajtar tax-Xewk), *Pistacia lentiscus* (Deru), *Prunus dulcis* (Lewż), *Teucrium falvum* (Borgħom komuni) u *Rhamnus oleoides* (Żiju). Żgur interessanti hi s-siġra tal-Għargħar magħrufa bħala *Tetraclinis aritculata*. Din tinsab biss fil-Majjistral tal-Afrika (Tuneżija, Alġerija u Marokk), fin-Nofsinhar ta' Spanja (Cartagena u Andalusia) u f'Malta. Minkejja li llum il-ġurnata din il-pjanta qiegħda tiġi mkabbra b'mod kontrollat, ta' min jgħid li sa numru ta' snin ilu, din il-pjanta kienet tinstab biss fil-Maqluba u fl-Imġiebaħ.

Eventwalment instabet ukoll fl-inħawi tal-Mellieħa. Wieħed isib ukoll *Iris sicula* (Fjurduliz Sqalli), pjanta endemika għal Malta u Sqallija u li hi pjuttost rari.

L-umdità li tinstab f'din iż-żona, wasslet ukoll sabiex jikbru bosta speċi differenti ta' faqqiegħ. Fost l-ispeċi li nstabu nsibu *Amanita verna, Crepidotus amygdalosporus, Psathyrella candolleana, Psathyrella melanthina, Diachaea leucopodia, Hypoxylon sp., Aleuria aurantia* u *Phallus impudicus*. *Daldinia concentrica* hu tip ta' faqqiegħ rari li nstab jikber fuq zkuk niexfa tal-ħarrub.

Fil-Maqluba wieħed isib ukoll fawna ta' ċertu interess minħabba li mhuwiex komuni. Per eżempju fil-Maqluba tinstab ħanfusa rari ħafna li tgħix fil-ħamrija. Din il-ħanfusa bl-isem ta' *Amaurops mifsudii*, hija endemika għal Malta, jiġifieri tinstab Malta biss. S'issa nstabet ukoll fil-Buskett. Hija msemmija għal entomoloġista David Mifsud li skopra din il-ħanfusa permezz ta' riċerka li għamel fl-aħħar snin. Ħanfusa oħra hi dik *Torneuma maltense*, ħanfusa endemika li apparti fil-Maqluba tinsab ukoll il-Wardija, il-Buskett, l-Imtaħleb, San Blas u Wied Babu.

Hawn wieħed isib ukoll bugħarwien endemiku għal Malta *Deroceras gollcheri*. Nemel rari li jinstab fil-Maqluba jinkludi *Paratrechina longicornis* u *Leptothorax rabaudi*. Wieħed isib ukoll nemla bl-isem ta' *Strumigenys lewisi* li f'Malta tinsab biss il-Maqluba. Instab ukoll ħanżir l-art rari *Bathytropa schembrii*, li jinsab biss il-Maqluba, il-Buskett u Ħ'Attard u li aktarx huwa endemiku għal Malta.

## Inħarsu l-Maqluba

F'dan is-sit għal numru twil ta' żmien kien jiġi mormi kull tip u forma ta' skart b'mod illegali. Saru bosta inizjattivi ta' tindif mill-i*Scouts* taħt id-direzzjoni ta' David Schembri f'aktar minn okkażjoni waħda. Fil-viċinanzi ġew imħawla wkoll bosta siġar u pjanti eżotiċi li żgur ma jaqblux ma' dawk li hemm fil-Maqluba. Dawn jistgħu wkoll ikunu ta' dannu għall-ħajja naturali li tikber fil-Maqluba.

Matul l-aħħar 25 sena l-Unjoni Ewropea (UE) bniet netwerk vast ta' 26,000 żona protetti fl-Istati Membri u żona ta' aktar minn 750,000km$^2$, li hija 18% tal-art tal-UE. Magħruf bħala Natura 2000, dan huwa l-akbar netwerk ta' żoni protetti fid-dinja, u xhieda tal-importanza li ċ-ċittadini tal-UE jagħtu lill-biodiversità. Il-Maqluba tagħmel ukoll parti minn dan in-netwerk!

Għandek tgħid, mhux ta' b'xejn il-Qrendin kburin b'din id-daqsxejn ta' "ħofra".

**Referenzi:**


- Abela, Ġ F. (1647). Della Descrizione di Malta. Reprint Midsea Books 1984.xiv + 16pp.
- Briffa, M. & Lanfranco, E. (1986). The macrofungi of the Maltese Islands: Additions and notes. The Central Mediterranean Naturalist 4(1):69-79.
- Magnano L. & Mifsud D. (2001). Descrizione di quattro nuove specie di Torneuma Wollaston, 1860 delle Isole Pelagie e Maltesi (Coleoptera, Curculionidae). – Annali del Museo Civico di Storia Naturale *G. Doria*, Genova, 93 (1999-2000): 451-460.
- Poggi, R. (1999). Descizione di *Amaurops mifsudii*, nuova specie dell'isola di Malta (Coleoptera: Pselaphidae). Doriana 7:1-6.
- Schembri, P.J. & Gauci, M. (1984). Unusual Earthworms from Il-Maqluba. Potamon 2(12):47.
- Vassallo, A. (1991). The vegetation of il-Maqluna. an inland doline. Unpublished B. Sc. (Hons.) dissertation.